



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0060/2013

13.3.2013

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità
(COM(2012)0697 – C7-0385/2012 – 2012/0328(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Peter Liese

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- (III) Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa grassa u korsiva. Test korsiv normali huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f' dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b' tipa grassa. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	17
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU.....	24
PROĊEDURA.....	35

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità

(COM(2012)0697 – C7-0385/2012 – 2012/0328(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0697),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0385/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Frar 2013,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0060/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)**

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda

***wara li kkunsidra l-Artikolu 2(2) tal-
Protokoll ta' Kjoto approvat f'isem il-***

Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE¹,

¹Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).

Emenda 2

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa -1 (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Is-settur tal-avjazzjoni għandu natura internazzjonali qawwija. Problemi ta' natura globali tat-tip ikkważati mill-emissjonijiet tal-avjazzjoni jistgħu jiġu indirizzati b'mod effikaċi permezz ta' approċċ li jinkludi obbligu globali li jiġu rispettati l-istess miżuri jew li jintlaħqu l-istess objettivi b'miżuri differenti. L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) għandha rwol ewlieni f'dan il-proċess permezz tad-definizzjoni ta' objettivi komuni bħal dawn fil-qafas ta' ftehim internazzjonali.

Ġustifikazzjoni

Problemi internazzjonali bħall-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkawżati mis-settur tal-avjazzjoni jeħtieġu soluzzjonijiet dinjin, u għalhekk l-approċċ internazzjonali jista' jkun effikaċi.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) *Sar* progress sinifikanti *fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali* lejn l-adozzjoni, waqt l-Assemblea tal-ICAO li se ssir fl-2013, ta' qafas li jiffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri bbażati fuq is-suq għall-emissjonijiet *mis-settur* tal-avjazzjoni internazzjonali min-naħa tal-Istati u lejn l-iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq.

Emenda

(1) *F'Novembru 2012, l-ICAO, wara li kienet ilha mill-1998 tiddiskuti t-tnaqqis tal-emissjonijiet li ġejjin mill-avjazzjoni, għamlet* progress sinifikanti lejn l-adozzjoni, waqt l-Assemblea tal-ICAO li se ssir fl-2013, ta' qafas li jiffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri bbażati fuq is-suq għall-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali min-naħa tal-Istati *Membri tal-ICAO* u lejn l-iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (*minn hawn 'il quddiem "MBM"*).

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ċar li d-diskussjonijiet dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet fuq il-livell tal-ICAO kienu bdew aktar minn għaxar snin ilu u li sar f'it progress sal-mument li fih kien se jiskadi t-terminu għall-applikazzjoni tal-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(1a) *L-Unjoni tistenna li l-Assemblea tal-ICAO taqbel dwar miżura globali bbażata fuq is-suq (MBM) bi skeda realistika għall-implimentazzjoni u dwar qafas li jiffaċilita l-applikazzjoni totali ta' MBMs nazzjonali u reġjonali għall-avjazzjoni internazzjonali, sakemm tiġi applikata l-MBM globali.*

Emenda

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li l-UE għandha aspettattivi ċari haġna dwar l-Assemblea tal-ICAO u mhux kull riżultat jista' jitqies bħala suċċess.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Sabiex jiġi ffaċilitat dan il-progress u jingħata iktar momentum, ta' min jipposponi l-infurzar tar-rekwiżiti marbutin mat-titjiriet lejn u minn ajrudromi li jinsabu barra l-Unjoni Ewropea u f'żoni b'rabtiet mill-qrib magħha mil-lat ekonomiku u li jaqsmu magħha l-impenn komuni li jiġġieldu t-tibdil fil-klima, **li jibdew japplikaw qabel l-Assemblea tal-ICAO tal-2013**. Għalhekk m'għandhiex tittieħed azzjoni kontra l-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti għar-rappurtar tal-emissjonijiet ivverifikati mit-titjiriet li jkunu deħlin u ħerġin minn u lejn ajrudromi bħal dawn u għaċ-ċediment korrispondenti tal-kwoti li jirriżultaw mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità2 u li jibdew japplikaw qabel l-1 ta' Jannar 2014. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jkunu jixtiequ jkomplu jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan.

Emenda

(2) Sabiex jiġi ffaċilitat dan il-progress u jingħata iktar momentum **għall-impenn komuni tal-Istati Membri tal-ICAO biex jindirizzaw l-emissjonijiet tal-avjazzjoni fuq livell globali**, ta' min jipposponi l-infurzar tar-rekwiżiti, **li jibdew japplikaw qabel l-Assemblea tal-ICAO tal-2013**, marbutin mat-titjiriet lejn u minn ajrudromi li jinsabu barra l-Unjoni Ewropea u f'żoni b'rabtiet mill-qrib magħha mil-lat ekonomiku u li jaqsmu magħha l-impenn komuni li jiġġieldu t-tibdil fil-klima. Għalhekk m'għandhiex tittieħed azzjoni kontra l-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti li jirrigwardaw is-snin mill-2010 sal-2012 għar-rappurtar tal-emissjonijiet ivverifikati mit-titjiriet li jkunu deħlin fi u ħerġin minn ajrudromi bħal dawn u għaċ-ċediment korrispondenti tal-kwoti li jirriżultaw mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jkunu jixtiequ jkomplu jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan. **L-Unjoni qed tinnegozja mal-Isvizzera dwar l-inklużjoni sħiħa tal-Isvizzera fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS") li tkun tkopri titjiriet ġewwa l-Isvizzera u mill-Isvizzera lejn pajjiżi terzi. Il-kwistjoni ta' jekk titjiriet mill-Istati Membri lejn l-Isvizzera jkunux koperti mill-EU ETS jew humiex soġġetti għad-deroga attwali għandha tiġi diskussa fl-ogħla livell possibbli bejn l-Unjoni u l-Isvizzera. Taħditiet bħal dawn għandhom jitmexxew**

b'mod li jirrispetta s-sitwazzjoni legali u l-kooperazzjoni amikevoli filwaqt li jitqies ir-rwol kostruttiv li l-Isvizzera ħadet fl-ICAO.

Ġustifikazzjoni

Il-każ tal-Isvizzera ġie indirizzat f'xi emendi. Skont il-perċezzjoni ta' xi wħud, il-kwistjoni li għandha tiġi deċiża mill-koleġiżlaturi tal-UE mhijiex jekk humiex koperti t-titjiriet ġewwa l-Isvizzera jew it-titjiriet interkontinentali mill-Isvizzera għal pajjiżi terzi. Dan huwa soġġett għan-negozjati bejn l-UE u l-Isvizzera. Il-kwistjoni hija biss jekk skont is-sitwazzjoni legali attwali u skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea t-titjiriet mill-UE għandhomx ikunu koperti bħalma previst jew jekk humiex soġġetti għat-"twaqqif tal-arloġġ". Dan jeħtieġlu jiġi indirizzat fl-ogħla livell possibbli.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni, din id-deroga għandha tapplika biss għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jew ma jkunux irċevew allokazzjonijiet b'xejn **fl-2012** għat-tali attivitajiet, jew li jkunu tawhom kollha lura. Għall-istess raġuni, dawn il-kwoti m'għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tad-drittijiet għall-użu tal-krediti internazzjonali fi ħdan il-qafas tad-Direttiva 2003/87/KE.

Emenda

(3) Sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni, din id-deroga għandha tapplika biss għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jew ma jkunux irċevew allokazzjonijiet b'xejn **maħruġa għall-2012** għat-tali attivitajiet, jew li jkunu tawhom kollha lura. Għall-istess raġuni, dawn il-kwoti m'għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tad-drittijiet għall-użu tal-krediti internazzjonali fi ħdan il-qafas tad-Direttiva 2003/87/KE.

Ġustifikazzjoni

Kif jingħad hawn fuq, il-formulazzjoni m'għandha tħalli l-ebda lok għall-interpretazzjoni. Għalhekk għandu jiġi iċċarat li l-għadd ta' kwoti li jistgħu jingħataw lura huwa bbażat fuq is-sehem ta' tunnelli-kilometri vverifikati tal-attivitajiet tat-titjiriet rilevanti bbażati fuq is-sena ta' referenza 2010. Inkella l-operaturi jistgħu jinterpretaw l-ammont b'mod differenti. Barra minn hekk, għandu jkun iċċarat li kwoti tal-avjazzjoni għall-2012 biss jikkwalifikaw bħala kwoti li jistgħu jingħataw lura biex jiġu kkanċellati. Inkella jkun hemm distorsjoni fl-għadd ta' kwoti fiċ-ċirkulazzjoni bħala referenza għall-15 % li se jiġu rkantatati (ara l-emenda 4).

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-kwoti li ma jkunux ingħataw lit-tali operaturi jew li jkunu ngħataw lura għandhom jiġu kkanċellati. L-għadd ta' kwoti tal-emissjonijiet li se jiġu rkantati għas-settur tal-avjazzjoni **għandu jikkonforma mal-Artikolu 3d(1) tad-Direttiva 2003/87/KE**,

Emenda

(4) Il-kwoti **għas-settur tal-avjazzjoni għall-2012** li ma jkunux ingħataw lit-tali operaturi jew li jkunu ngħataw lura għandhom jiġu kkanċellati. L-għadd ta' kwoti tal-emissjonijiet li se jiġu rkantati għas-settur tal-avjazzjoni **mill-Istati Membri għandu jitnaqqas skont il-kalkoli tal-Kummissjoni, u b'hekk jirriżulta fi 15 % tal-ammont globali ta' kwoti tal-avjazzjoni tal-2012 fiċ-ċirkolazzjoni.**

Ġustifikazzjoni

Mingħajr din il-bidla m'hemmx bażi legali għat-tnaqqis tal-ammont li se jiġi rkantat. Biex ikun jista' jsir l-irkant ta' għadd imnaqqas ta' kwoti billi jiġu kkunsidrati l-kanċellazzjonijiet ta' allokkazzjonijiet b'xejn skont l-Artikolu 2, id-deċiżjoni għandha tinkludi deroga mill-Artikolu 3d tad-Direttiva, speċjalment minn paragrafi 1 u 3. B'riżultat ta' dan, għandu jiġi rkantat 15 % tal-ammont totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Biex tinbena l-fiduċja f'livell internazzjonali fl-iskema tal-EU ETS, id-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti jew kwalunkwe ammont ekwivalenti, fejn dan ikun meħtieġ minħabba prinċipji baġitarji prijoritarji tal-Istati Membri, bħall-għaqda u l-universalità, għandu jintuża għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għall-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u adattament u biex tiġi koperta n-nefqa tal-amministrazzjoni tal-EU ETS. Id-dħul iġġenerat mill-irkantar għandu jintuża wkoll għat-trasport

b'emissjonijiet baxxi. Id-dħul mill-irkantar għandu jintuża b'mod partikolari sabiex jiffinanzja kontribuzzjonijiet lill-Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli u l-Fond Ekoloġiku għall-Klima fl-ambitu tal-UNFCCC, u għal miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni u jkun faċilitat l-adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Bħala parti minn ftehim għal MBM effikaċi u bbażata fuq ir-rotta b'potenzjal sinifikanti li tnaqqas l-impatt tal-avjazzjoni fuq il-klima, l-Unjoni għandha wkoll tikkommetti ruħha li tassinja d-dħul li jsir minn din il-miżura lill-Fond Ekoloġiku għall-Klima fl-ambitu tal-UNFCCC sabiex tirrifletti l-prinċipju ta' responsabbiltà komuni iżda differenzjata u ta' kapaċitajiet rispettivi, u lil sforzi internazzjonali li jiffinanzjaw ir-riċerka u l-iżvilupp biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li ġejjin mill-avjazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Waqt in-negozjati dwar id-direttiva attwali, il-Parlament Ewropew insista fuq allokkazzjoni li tkun vinkolanti b'mod ċar. F'dak iż-żmien, l-Istati Membri ma kinux lesti jaċċettaw dan, u għaldaqstant fid-direttiva ġiet inkluża rakkomandazzjoni biss. Jekk l-Istati Membri jaċċettaw impenn aktar ċar, dan jiffaċilita l-aċċettazzjoni tal-iskema tal-UE. Ikun jistgħu jinħolqu proġetti ta' riċerka b'mod konġunt ma' pajjiżi terzi dwar teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet. Kontribuzzjoni tal-Istati Membri tal-UE għall-adattament u l-mitigazzjoni li tinkludi l-Fond Ekoloġiku għall-Klima fl-ambitu tal-UNFCCC tkun siewja ħafna biex tiffaċilita l-appoġġ ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan il-prinċipju għandu jkun introdott ukoll fin-negozjati internazzjonali.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Id-deċiżjoni li tiġi sospiża l-inklużjoni tat-titjiriet internazzjonali fl-EU ETS sa Settembru 2013 hija eċċezzjoni magħmula sabiex tippermetti lin-negozjati tal-ICAO jimxu 'l quddiem u jaslu għal

konklużjoni. Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-indeboliment tal-integrità ambjentali tal-iskema, id-deroga attwali għandha tapplika għal massimu ta' sena. Azzjoni leġiżlattiva ulterjuri tkun adatta biss jekk fl-Assemblea tal-ICAO jkun sar progress ċar u suffiċjenti dwar l-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali, inkluż li jkun intlaħaq ftehim dwar MBM globali bi skeda realistika għall-implimentazzjoni u dwar qafas mhux diskriminatorju li jipprovi kopertura eżawrjenti tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali permezz ta' MBMs nazzjonali u reġjonali, sakemm tiġi applikata l-MBM globali. Azzjoni bħal din, jekk tkun meħtieġa, għandha tqis l-impatt possibbli fuq it-traffiku tal-ajru intra-Ewropew bl-għan li tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4c) L-Unjoni ħadet l-impenn li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' CO₂, inklużi l-emissjonijiet tal-avjazzjoni. Għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet, l-ebda settur wieħed partikolari tal-ekonomija tal-UE m'għandu jiġi eżentat. F'dan ir-rigward, tajjeb li jiġi nnotat li s-settur tal-avjazzjoni jgawdi minn għadd ta' sussidji għax mhux suġġett għal taxxa fuq il-valur miżjud, u lanqas taxxa tal-fjuwil fuq l-attivitajiet tal-avjazzjoni. Is-settur tal-avjazzjoni jgawdi wkoll minn regoli ta' għajjnuna tal-istat ġenerużi kif stipulat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2005 bit-titolu "Linji gwida Komunitarji għall-finanzjament tal-ajruporti u għajjnuna tal-bidu għal linji tal-ajru li jtiru minn ajruporti

reġjonali".

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4 d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4d) L-ICAO u l-Unjoni għandhom iżidu b'mod konsiderevoli l-isforzi tagħhom sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-avjazzjoni b'mod konformi mal-miri tal-Unjoni għall-2020 u l-2050. Id-deroga prevista minn din id-Deċiżjoni ma għandhiex għalhekk tqiegħed inkwistjoni l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-EU ETS, u l-għan ġenerali li tiġi promossa skema dinjija effikaċi ħalli jittrażżnu l-livelli dejjem aktar għoljin tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni, u għandha tiddefinixxi b'mod ċar l-obbligi li għandhom jiġu rispettati mill-pajjiżi u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru kkonċernati matul il-perjodu ta' żmien kopert mid-deroga.

Ġustifikazzjoni

Is-settur tal-avjazzjoni bl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li dejjem qed jiżdiedu għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis fl-emissjonijiet, bħall-mezzi ta' trasport l-oħra; barra minn hekk, setturi tal-industrija oħra diġà ilhom snin jipparteċipaw fl-EU ETS; m'hemmx raġuni għaliex is-settur tal-avjazzjoni għandu jinżamm barra mill-EU ETS.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4e) L-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-EU ETS għandha titqies f'kull ftehim dwar l-avjazzjoni tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi.

Ġustifikazzjoni

Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda tinnegozja ftehim dwar l-avjazzjoni ma' numru ta' pajjiżi tal-

viċinat u ma' sħab kummerċjali importanti. Huwa importanti li dawn il-ftehimiet iqisu l-firxa totali tal-obiettivi tal-politika Ewropea. B'hekk il-Kummissjoni għandha timxi fuq l-eżempju tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Kanada u tħeġġeġ il-pajjiżi terzi sabiex jadottaw miżuri li jnaqqsu l-impatt tal-avjazzjoni fuq it-tibdil fil-klima.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4f) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dettaljat lill-Parlament Ewropew dwar il-progress li jkun sar fl-Assemblea tal-ICAO f'Settembru tal-2013 u tippromponi b'mod rapidu miżuri li jikkorrispondu għar-riżultati tal-Assemblea.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'deroga mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri m'għandhom jieħdu l-ebda azzjoni kontra l-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti ***mogħtija fl-Artikolu 12(2a) u fl-Artikolu 14(3)*** tad-Direttiva 2003/87/KE ***li jibdew japplikaw qabel l-1 ta' Jannar 2014*** għal attivitajiet lejn jew minn ajrudromi f'pajjiżi li ma jiffurmawx parti mill-Unjoni Ewropea u li mhumiex membri tal-EFTA, li mhumiex dipendenzi u territorji tal-Istati Membri taż-ŻEE jew li mhumiex pajjiżi li ffirmaw Trattat ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, f'każ li t-tali operaturi tal-inġenji tal-ajru ma jkunu ngħataw l-ebda kwoti b'xejn għat-tali attivitajiet fl-2012 jew f'każ li t-tali operaturi, jekk ikunu ngħataw it-tali kwoti, ikunu taw lura lill-Istati Membri ***l-istess*** għadd ta' kwoti biex dawn

B'deroga mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri m'għandhom jieħdu l-ebda azzjoni kontra l-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti ***li jirriżulaw mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3)*** tad-Direttiva 2003/87/KE ***fir-rigward tas-snin kalendarji 2010 sa 2012*** għal attivitajiet lejn jew minn ajrudromi f'pajjiżi li ma jiffurmawx parti mill-Unjoni Ewropea u li mhumiex membri tal-EFTA, li mhumiex dipendenzi u territorji tal-Istati Membri taż-ŻEE jew li mhumiex pajjiżi li ffirmaw Trattat ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, f'każ li t-tali operaturi tal-inġenji tal-ajru ma jkunu ngħataw l-ebda kwoti b'xejn għat-tali attivitajiet fl-2012 jew f'każ li t-tali operaturi, jekk ikunu ngħataw it-tali kwoti, ikunu taw lura lill-Istati Membri ***l-istess*** għadd ta' kwoti ***tal-avjazzjoni tal-***

jikkancellawhom.

2012 daqs is-sehem ta' tunnelli-kilometri vverifikati ta' tali attività fis-sena ta' referenza 2010 biex dawn jikkancellawhom.

Ġustifikazzjoni

Dan jiċċara li d-deroga mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87/KC tirreferi biss għar-rekwiżiti għas-snin kalendarji 2010 - 2012. Sabiex tiġi evitata l-ħtieġa tat-traspożizzjoni tad-deċiżjoni mill-Istati Membri, il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga għandu jkun magħmul ċar ħafna biex ma jkunx hemm ambiguitajiet.

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jikkanċellaw il-kwoti kollha tal-2012 għat-titjiriet minn u lejn l-ajrudromi msemmija fl-Artikolu 1 li jew ikun għadhom ma nħarġux jew, jekk ikunu nħarġu, ikunu nġhatawllhom lura.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jikkanċellaw il-kwoti ***tal-avjazzjoni*** kollha tal-2012 għat-titjiriet minn u lejn l-ajrudromi msemmija fl-Artikolu 1 li jew ikun għadhom ma nħarġux jew, jekk ikunu nħarġu, ikunu nġhatawllhom lura. ***B'deroga mill-Artikolu 3d tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jirkantaw numru mnaqqas ta' kwoti tal-avjazzjoni għall-2012. Dan it-tnaqqis għandu jkun proporzjonali għall-għadd iżgħar ta' kwoti tal-avjazzjoni totali fiċ-ċirkolazzjoni.***

Ġustifikazzjoni

Mingħajr din il-bidla m'hemmx bażi legali għat-tnaqqis tal-ammont li se jiġi rkantat. Biex ikun jista' jsir l-irkant ta' għadd imnaqqas ta' kwoti billi jiġu kkunsidrati l-kanċellazzjonijiet ta' allokkazzjonijiet b'xejn skont l-Artikolu 2, id-deċiżjoni għandha tinkludi deroga mill-Artikolu 3d tad-Direttiva, speċjalment minn paragrafi 1 u 3. B'riżultat ta' dan, għandu jiġi rkantat 15 % tal-ammont totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

L-Artikolu 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti għal sforzi biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fil-livell internazzjonali, biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għall-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, fosthom b'mod partikolari fil-qasam tal-aeronawtika u t-trasport bl-ajru. Id-dħul iġġenerat mill-irkantar għandu jintuża wkoll għat-trasport b'emissjonijiet baxxi. Id-dħul mill-irkantar għandu jintuża wkoll sabiex jiġfinanzja kontribuzzjonijiet lill-Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli u l-Fond Ekoloġiku għall-Klima fl-ambitu tal-UNFCCC u miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw regolarment lill-Kummissjoni dwar azzjonijiet meħuda skont l-ewwel subparagrafu."

Ġustifikazzjoni

Waqt in-negozjati dwar id-direttiva attwali, il-Parlament Ewropew insista fuq allokkazzjoni vinkolanti b'mod ċar. F'dak iż-żmien, l-Istati Membri ma kinux lesti jaċċettaw dan, u għaldaqstant fid-direttiva ġiet inkluża rakkomandazzjoni biss. Jekk l-Istati Membri jaċċettaw impenn aktar ċar, dan jiffaċilita l-aċċettazzjoni tal-iskema tal-UE. Ikunu jistgħu jinħolqu proġetti ta' riċerka b'mod konġunt ma' pajjiżi terzi dwar teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet. Kontribuzzjoni tal-Istati Membri tal-UE għall-adattament u l-mitigazzjoni li tinkludi l-Fond Ekoloġiku għall-Klima fl-ambitu tal-UNFCCC tkun siewja ħafna biex tiffaċilita l-appoġġ ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan il-prinċipju għandu jkun introdott ukoll fin-negozjati internazzjonali.

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3b

Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari l-Parlament u l-Istati Membri rigward il-progress tan-negozjati tal-ICAO u tippreżenta rapport dwar ir-riżultati miksuba fl-Assemblea tal-ICAO. Jekk l-Assemblea tal-ICAO f'Settembru 2013 ma tiksibx progress sostanzjali fuq MBM globali, l-EU ETS se terġa tinkludi t-titjiriet internazzjonali kollha minn u lejn l-Unjoni li jirrigwardaw is-sena kalendarja 2013 u 'l quddiem. Jekk madankollu l-Assemblea tal-ICAO jirnexxilha twaqqaf qafas għal MBM globali, il-Kummissjoni tista' tipproponi iktar azzjonijiet.

Ġustifikazzjoni

Il-konsegwenzi tal-ksib ta' progress sostanzjali fi ħdan l-ICAO għandhom ikunu ċari ħafna. Il-Kummissjoni għandha ttipprova lill-Parlament Ewropew l-informazzjoni kollha possibbli dwar in-negozjati tal-ICAO sabiex il-Parlament ikollu l-possibbiltà jevalwa dan qabel ma l-Kummissjoni Ewropea tkun tista' testendi d-deroga jew tiegħu kwalunkwe azzjoni oħra.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-leġiżlazzjoni eżistenti:

Fl-2008 l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri qablu, wara eżami twil u attent, dwar l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-EU ETS.

Il-Kunsill appoġġja l-leġiżlazzjoni **b'mod unanimu**; **il-Parlament b'iktar minn 90 %** tal-voti. Il-ħsieb wara l-inklużjoni tal-avjazzjoni kien il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-emissjoni, li qed tikber b'ritmu mgħaġġel, ta' gassijiet serra minn dan is-settur. Mill-1990, is-sena bażi tal-Protokoll ta' Kjoto, lil hawn, **l-emissjonijiet ta' gassijiet serra prodotti minn linji tal-ajru żdiedu b'madwar 100 %**. Dan jikkuntrasta b'mod drammatiku mal-urġenza li jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u mal-objettiv ta' 2°C li ġie approvat mill-komunità internazzjonali, pereżempju f'Cançun.

Li ma jiġux indirizzati l-emissjonijiet prodotti mil-linji tal-ajru jkun ukoll irresponsabbli mil-lat tal-koerenza u l-ġustizzja ma' industriji oħrajn u ma' modi oħra ta' trasport li huma soġġetti

għal regolamentazzjoni fl-UE u fl-Istati Membri. L-ETS għall-linji tal-ajru hija **moderata ħafna**, imqabbla ma' industrij oħrajn fl-Unjoni Ewropea. L-industrija tal-avjazzjoni għandha tnaqqas l-emissjonijiet tagħha b'5 % biss sal-2020, imqabbel ma' 21 % għal industrij oħra, u għandha aċċess għal tnaqqis minn setturi oħrajn. Ħmistax fil-mija biss tal-kwoti tal-linji tal-ajru huma rkantati, imqabbel ma' 100 % rkantar fis-settur tal-enerġija u inqas allokkazzjonijiet b'xejn lil ħafna industrij. Il-piż għall-passiġġieri u l-linji tal-ajru huwa moderat ħafna. Skont il-Kummissjoni Ewropea l-prezz tal-biljett għal titjira interkontinentali jżded b'inqas minn EUR 2 jekk il-linji tal-ajru ma jinkludux fil-prezz iċ-ċertifikati li hađu b'xejn. Ħafna linji tal-ajru Ewropej u mhumiex, diġà żiedu l-prezzijiet tagħhom b'mod moderat minħabba l-introduzzjoni tal-EU ETS. Pereżempju, Ryanair diġà żiedet il-prezz tal-biljett b'**25 ċenteżmu għal kull titjira**¹. Ħafna taxxi u tariffi introdotti minn Stati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti u l-Indja huma ħafna aktar ta' piż.


"Il-prezz tal-ETS għal titjira mill-ajruport ta' Heathrow f'Londra għal Shanghai huwa inqas minn dak ta' kikkra kafè f'Heathrow" (J.G. Gerbrandy, Viċi President tal-kumitat ENVI).

Il-leġislazzjoni attwali tkopri t-titjiriet kollha li jibdew u/jew jinżlu fl-Ewropa u linji tal-ajru ta' pajjiżi terzi jipparteċipaw fl-ETS meta jibdew u/jew jinżlu fl-Ewropa. Il-kopertura ta' titjiriet deħlin u ħerġin ġiet inkluża l-aktar minħabba r-raġunijiet ambjentali peress li żewġ terzi tal-emissjonijiet huma maħluqa minn titjiriet interkontinentali u terz biss minn titjiriet ġewwa l-Unjoni Ewropea. Din id-dispożizzjoni ġiet eżaminata bir-reqqa minn avukati mhux biss mill-Kummissjoni Ewropea iżda wkoll minn avukati indipendenti u l-valutazzjoni indikat li hija totalment kompatibbli mal-liġi internazzjonali.

L-isfida minn pajjiżi terzi u valutazzjoni kritika:

Sa minn qabel l-adozzjoni tal-leġislazzjoni, pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina diġà rreġistraw l-oppożizzjoni tagħhom kontra l-inklużjoni ta' titjiriet tal-linji tal-ajru rispettivi tagħhom. Fid-dawl tal-valutazzjoni legali u l-argumenti politiċi u ambjentali għat-trattament ugwali, il-Parlament u l-Kunsill madankollu ddeċidew li jinkludu linji tal-ajru ta' pajjiżi terzi, fuq bażi mhux diskriminatorja. L-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru tal-Istati Uniti u tliet linji tal-ajru tal-Istati Uniti kkontestaw il-leġislazzjoni taħt il-liġi Brittanika u l-każ ġie riferut **lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea**. Il-Qorti ddeċidiet b'mod ċar li **l-leġislazzjoni hija konformi mal-liġi internazzjonali** (Sentenza tal-QĠE fil-Kawża C-366/10, 21 ta' Diċembru 2011). Xi pajjiżi terzi sostnew li l-Unjoni Ewropea kienet se titlob ħlas mil-linji tal-ajru tagħhom talli jużaw l-ispazju tal-ajru tagħhom stess, pereżempju mil-linji tal-ajru tal-Istati Uniti meta jtiru fuq it-territorju Amerikan. Dan mhuwiex il-każ, peress li l-EU ETS hija marbuta mal-wasla u t-fluq mill-ajruporti, u l-kriterju tal-kejl huwa l-emissjonijiet waqt ir-rota. Din mhijiex karatteristika speċifika tal-EU ETS. Tariffi u taxxi nazzjonali, pereżempju dawk tar-Renju Unit u l-Ġermanja, japplikaw prinċipju simili. It-taxxa tal-passiġġieri tal-ajru (APD) Brittanika hija ogħla għal titjira lejn il-Belt tal-Messiku milli għal titjira lejn Toronto, il-Kanada.

Titjira minn Londra għall-Belt tal-Messiku




Fuq titjira business class minn Londra għall-Belt tal-Messiku wara l-1 ta' April 2012 (bejn wieħed u ieħor 5 000 mil) se tiġi imposta APD ta' GBP 162

-Unjoni Ewropea.

(EUR 195 / USD 257).

Titjira minn Londra għal Toronto




Fuq titjira għal Toronto, il-Kanada, (bejn wieħed u ieħor 3 500 mil), tiġi imposta APD ta' GBP 130 (EUR 156 / USD 206) biss.

Id-differenza fil-prezz tirrifletti d-differenza fid-distanza. Parti kbira mid-distanza hija spazju tal-ajru tal-Istati Uniti. Dan ifisser li d-differenza bejn APD ta' GBP 130 u APD ta' GBP 162 hija minħabba d-distanza itwal, li prinċipalment hija minn naħa għal oħra tal-ispazju tal-ajru tal-Istati Uniti.


L-istess japplika għat-taxxa tal-avjazzjoni Ġermaniża.

Titjira minn Frankfurt għal Varsavja



Fuq titjira minn Frankfurt għal Varsavja hemm imposti EUR 7,50 (USD 10) bħala taxxa tal-passiġġieri tal-ajru Ġermaniża.

Titjira minn Frankfurt għal Tokjo



Fuq titjira minn Frankfurt għal Tokjo hemm imposti EUR 42,18 (USD 56) bħala taxxa tal-passiġġieri tal-ajru Ġermaniża.

Dan ifisser li d-differenza bejn taxxa tal-passiġġieri tal-ajru baxxa ħafna u oħra għolja ħafna, it-tnejn tal-Ġermanja, hija d-distanza ħafna itwal, prinċipalment fl-ispazju tal-ajru Russu.

Kemm il-miżura Ġermaniża u kemm it-taxxa fuq il-passiġġieri Brittanika huma aċċettati minn pajjiżi terzi u **mhumie x soġġetti għal kritika daqshekk qawwiya jew għal xi tip ta' ritaljazzjoni**. Bħal fil-każ tal-EU ETS, il-pożizzjoni tal-Istati hija li huma għandhom id-dritt jintaxxaw titjiriet li jtilqu jew jinżlu fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Din hija wkoll il-ġustifikazzjoni għat-taxxa tal-Istati Uniti u dik Indjana. Dan juri li hemm **element politiku qawwi fid-dibattitu**. Ftit mir-reżistenza tista' tkun motivata mis-suppożizzjoni li l-leġiżlazzjoni tal-UE mhijiex importanti daqs il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-aspett li l-EU ETS hija ġustifikata b'mod partikolari għat-tafja tat-tibdil fil-klima tista' tkun raġuni għall-kritika ħarxa minn xi pajjiżi terzi. Pereżempju l-maġġoranza l-ġdida fil-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Istati Uniti trid turi li l-abbozz ta' liġi tagħha stess (Waxman-Markey), li kien ikopri wkoll l-avjazzjoni internazzjonali, m'għadux jgħodd.

Il-Proċess tal-ICAO:

Fl-1997 l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) kienet diġà nġhatat il-kompitu li tirregola l-emissjonijiet tal-avjazzjoni.

Sfortunatament, s'issa għad ma kien hemm l-ebda soluzzjoni. L-UE dejjem argumentat li ftehim internazzjonali jkun naturalment l-aħjar soluzzjoni, u d-dmir li jitkomplew in-negozjati huwa mdaħħal fil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-EU ETS. **Waqt laqgħa tal-Kunsill tal-ICAO li saret fid-9 ta' Novembru 2012** sar progress sinifikanti lejn l-għan tar-regolazzjoni globali tal-emissjonijiet mis-settur tal-avjazzjoni. Ġie ffurmat Grupp ta' Livell Għoli biex iħejji soluzzjoni li għandha titressaq waqt l-Assemblea Ġenerali li jmiss tal-ICAO. L-Assemblea Ġenerali tal-ICAO tiltaqa' kull tliet snin biss. Il-laqgħa li jmiss se ssir f'Settembru 2013. Pajjiżi terzi li jopponu l-iskema Ewropea dejjem qalu li jridu soluzzjoni globali taħt l-awspiċċi tal-ICAO.

Sfortunatament, s'issa daww li jopponu l-EU ETS għandhom ma qablux dwar kif eżatt l-ICAO tista' ssolvi l-problema. Iżda wieħed għandu jirrikonoxxi **l-impenn qawwi ħafna tat-tmexxija tal-ICAO**.

Il-Proposta li "jitwaqqaf l-arloġġ":

Fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-ICAO tad-9 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret il-proposta biex tissospendi l-infurzar tal-EU ETS għat-titjiriet interkontinentali.

Fl-20 ta' Novembru l-Kummissjoni ressqet proposta lill-Parlament u lill-Kunsill biex "iwaqqfu l-arloġġ". Din il-proposta **għandha l-għan li ssaħħaħ il-momentum pożittiv fl-ICAO u li ttejjeb iċ-ċans li jinkiseb riżultat pożittiv waqt l-Assemblea Ġenerali tal-ICAO li se ssir fl-2013**. U dan kemm f'termini tal-iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq kif ukoll f'termini tal-adozzjoni ta' qafas li jiffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri bbażati fuq is-suq għas-settur tal-avjazzjoni internazzjonali qabel jidħlu fis-seħħ il-miżuri bbażati fuq is-suq globali.

Il-proposta tippredvi **li l-EU ETS ma tiġix infurzata għat-titjiriet interkontinentali fir-**

rigward tal-emissjonijiet ta' matul l-2012. It-titjiriet fiż-żona Ewropea se jkunu koperti mill-obbligu tad-Direttiva kif deċiż mill-Parlament u l-Kunsill fl-2008. Il-miżuri kollha huma nondiskriminatorji, li jfisser li l-istess regoli japplikaw kemm għat-trasportaturi tal-UE kif ukoll għal dawk li mhumiex. Dan ifisser li trasportatur tal-UE li jtir minn ajruport tal-UE għal ajruport ta' pajjiż terz huwa eżentat filwaqt li trasportatur ta' pajjiż terz li jtir ġewwa ż-żona Ewropea se jkun kopert mill-obbligi tad-Direttiva.

Ir-rakkomandazzjoni tar-rapporteur:

Fil-prinċipju r-rapporteur **jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni** u jirrakkomanda **adozzjoni rapida**. Skont id-Direttiva attwali, il-linji tal-ajru għandhom sat-30 ta' April 2013 biex iċedu l-kwoti tagħhom. Għaldaqstant għaċ-ċarezza tad-dritt il-proċedura leġiżlattiva għandha tiġi konklużiva qabel din id-data, filwaqt li wieħed jirrikonoxxi li l-argumenti jeħtieġ jiġu vvalutati bir-reqqa u l-kollegi fil-kumitati ENVI u TRAN għandu jkollhom il-possibilità li jipproponu emendi.

Xi emendi jidhru neċessarji għal raġunijiet legali. Dawn jiċċaraw biss l-intenzjoni tal-proposta kif murija fl-ispjegazzjoni, il-premessi u l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni li takkumpanjaha.

Peress li l-Kummissjoni ma tippredix it-traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali mill-Istati Membri, id-deċiżjoni għandha tkun miktuba b'mod preċiż u m'għandhiex tħalli lok għall-interpretazzjoni. Billi jiġi ddikjarat b'mod espliċitu liema rekwiżiti se jkunu koperti mid-deroga u kemm u liema tip ta' kwoti l-operaturi għandhom jagħtu lura biex jagħmlu użu mid-deroga, tinħoloq ċertezza ġuridika.

Jeħtieġ ukoll ikun hemm bażi legali għat-tnaqqis tal-ammonti tal-irkant, li s'issa għadha ma ngħatatx, peress li l-proposta tinkludi biss deroga mill-Artikolu 16. Jekk il-kalkolu tal-ammont li se jiġi rkantat mhuwiex mibdul, l-istess għadd ikollu jiġi rkantat mill-Istati Membri, li ċertament mhijiex l-intenzjoni. Minflok, il-perċentwali tal-irkantar għandu jkun ta' 15 % tal-ammont globali ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-settur tal-avjazzjoni fis-sena 2012 (ara l-emendi 1, 3, 4, 6 u 7).

Għandu jiġi ċċarat li l-infurzar tal-iskema ġewwa l-UE biss **ma jistax ikun possibbli għal aktar minn sena**. Hemm trattament ugwali għal-linji tal-ajru kollha li jaqdu l-istess rotot. Il-kwoti li għandhom jiġu ċeduti sat-30 ta' April 2013 ikopru s-sena 2012, sena meta l-prezz tal-karbonju kien baxx ħafna (bejn EUR 6 u EUR 8) u meta l-linji tal-ajru jistgħu jużaw sa 15 % krediti tas-CDM (madwar EUR 0,40). Huwa għalhekk li kwalunkwe distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni bejn operaturi tal-UE u ta' pajjiżi terzi f'termini ta' inċentiv talli jaqdu rotot differenti hija limitata, pereżempju EUR 0,136 għal titjira minn Hamburg għal Frankfurt. Jekk din is-sitwazzjoni titwal iżżejjed tista' tikkawża distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni u ma tkunx ambjentalment ambizzjuża biżżejjed. Għalhekk għandu jkun iċċarat li t-"twaqqif tal-arloġġ" ma jistax jittawwal lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2013. Għandu jkun iċċarat ukoll **x'qiegħda tistenna l-UE mill-Assemblea tal-ICAO**. Mhux kull riżultat jista' jitqies wieħed sodisfaċenti. Fil-leġiżlazzjoni eżistenti diġà huwa indikat li lesti nemendaw il-leġiżlazzjoni tagħna meta jintlaħaq ftehim globali. Għandu jiġi ċċarat li ftehim globali li jkopri b'mod sodisfaċenti l-emissjonijiet tal-linji tal-ajru mhuwiex se jkun intlaħaq sa tmiem l-2013. Huwa għalhekk li **sadanittant jeħtieġ li jiġi adottat qafas** għal skemi regionali u nazzjonali. Madankollu, l-UE m'għandhiex taċċetta sitwazzjoni fejn il-leġiżlazzjoni attwali hija sempliċement abolita fid-dawl ta' ftehim taħt l-awspiċji tal-ICAO li huwa biss wieħed potenzjali (ara l-emendi 2 u 5).

Il-proposta tal-Kummissjoni tagħti l-opportunità **li wieħed jagħmilha ċara li mhijiex l-UE li qiegħda tfixkel ftehim internazzjonali**. Jekk, anki wara l-adozzjoni ta' din il-proposta, pajjiżi terzi ma jfittxux it-triq tal-kompromess fil-livell tal-ICAO, dan ikun sinjal ċar u mingħajr ambigwiżà li dawk li dejjem jitolbu soluzzjoni internazzjonali fl-ICAO mhumiex tassew impenjati. Min-naħa l-oħra, jekk l-ICAO tasal għal ftehim din tkun l-aħjar soluzzjoni għal kulħadd, inkluż għall-Unjoni Ewropea.

19.2.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (COM(2012)0697 – C7-0385/2012 – 2012/0328(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Mathieu Grosch

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Filwaqt li l-avjazzjoni attwalment tirrapreżenta 3% tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, dawn l-emissjonijiet qed jiżdiedu b'mod rapidu. L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) stmat li l-emissjonijiet CO₂ prodotti mill-avjazzjoni kważi rduppjaw bejn l-1990 u l-2006. Filwaqt li l-użu ta' karburant fossili żdied b'34%, L-ICAO tippredvi żieda ta' 63% - 88% għall-2020, perjodu li matulu l-UE impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha b'20% meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

It-tisħin globali jista' jiġi indirizzat b'mod effikaċi biss permezz ta' approċċ internazzjonali. La emissjonijiet tal-karbonju u lanqas it-tibdil fil-klima ma jirrispettaw il-konfini nazzjonali. Jeħtieġ li naderixxu għall-istess objettivi klimatiċi fuq livell dinji. F'dan il-kuntest, l-ICAO għandha rwol importanti. Bdiet teżamina l-miżuri bbażati fuq is-suq fl-1991 u n-negożjar ta' emissjonijiet fl-1998 iżda bi ftit progress. Għalhekk, l-Unjoni Ewropea ddeċidiet fl-2008 li l-avjazzjoni għandha tiġi inkluża fl-Iskema għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (ETS). Din il-leġislazzjoni rċeviet appoġġ unanimu fil-Kunsill u maġġoranza kbira fil-Parlament. L-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport appellat lis-settur tal-avjazzjoni biex jagħmel sforz simili għal dak ta' mezzi ta' trasport oħra u għal dak ta' setturi simili oħra. Huwa favur l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-ETS mill-2012 u osserva li "l-inklużjoni fl-iskema Ewropea għan-negożjar ta' emissjonijiet ta' inġenji tal-ajru minn pajjiżi terzi li jtilqu minn jew waslu f'ajruporti tal-Komunità hija legalment ammissibbli" Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat dan l-aħħar punt fl-2011.

Madankollu, il-pajjiżi terzi qagħdu lura sew milli jaċċettaw l-ETS Ewropea. Minkejja dan, l-impatt stmat tal-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-ETS huwa żgħir meta mqabbel mat-tariffi tal-passiġieri li ġejjin minn pajjiżi terzi bħat-tariffa \$16.30 tal-Istati Uniti fuq kull passiġġier li wasal jew li se jitlaq (barra mit-tariffa addizzjonali fuq il-passiġġieri mhux ċittadini "sistema

elettronika għall-awtorizzazzjoni ta' vjaġġar").

F'Novembru 2012, l-ICAO wettqet progress sinifikanti fuq il-miżuri bbażati fuq is-suq sabiex tindirizza l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea għalhekk iddeċidiet tagħti sinjal għas-sħab tan-negozjar billi tipproponi li "twaqqaf iż-żmien". Ir-Rapporteur jilqa' din il-proposta, peress li hija konformi max-xewqa tal-Ewropa għal ftehim internazzjonali u hija limitata għal sena.

Din il-limitazzjoni hija ta' importanza kbira sabiex tinżamm il-pessjoni fuq is-sħab ta' negozjar. Għandu jkun ċar li, fin-nuqqas ta' ftehim sodisfaċenti biex jiġu affrontati l-emissjonijiet tal-avjazzjoni, it-titjiriet internazzjonali kollha se jiġu inklużi mill-2013 'il quddiem. Mingħajr dan, ikun hemm ir-riskju li l-proċess tal-ICAO jkompli għal snin jekk mhux diċenni.

Il-limitazzjoni ta' sena hija wkoll importanti sabiex jiġi mminimizzat it-tħassib li diġà ġie espress dwar distorsjonijiet possibbli tas-suq. L-esklużjoni ta' titjiriet li jidħlu jew jitolqu ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) filwaqt li titkompla l-applikazzjoni tal-ETS fuq it-titjiriet fl-Ewropa tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Jekk in-negozjati internazzjonali jipproduċu mekkaniżmi bbażati fuq is-suq jew mekkaniżmi li jiżguraw li l-emissjonijiet li ġejjin mill-avjazzjoni jkunu suġġetti għall-istess pressjoni lejn l-isfel eżerċitata fuq is-setturi l-oħra, allura dan jista' jikkostitwixxi raġuni biex titqies l-aġġustament tal-ETS. Din il-kwistjoni ma tikkonċernax l-infurzar tal-istandards ambjentali tal-Ewropa fuq livell dinji, iżda minflok tikkonċerna l-iżvilupp ta' miżuri komuni bħala soluzzjoni għal problema komuni.

Jekk l-ICAO tilħaq ftehim f'Settembru 2013 li jista' jinvolvi l-estensjoni ta' trattament differenti bejn it-titjiriet interni u esterni lil hinn mill-2013, għandu jsir studju dettaljat dwar l-implikazzjonijiet għall-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru Ewropej u ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni Ewropea ħadet l-azzjoni xierqa ħalli tevita kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni. La l-ambjent u lanqas l-ekonomija Ewropea mhuma se jibbenefikaw jekk it-trasportaturi tal-ajru jkollhom inċentivi artifiċjali sabiex jagħmlu użu aktar minn pjattaformi mhux Ewropej. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew għandu jkollu l-possibbiltà li jevalwa l-eżitu tan-negozjati tal-ICAO qabel ma l-Kummissjoni Ewropea tipproponi azzjonijiet ulterjuri.

Fl-aħħar nett, filwaqt li deroga ta' sena għat-titjiriet li ġejjin miż-Żona Ekonomika Ewropea jew li se jitolqu minnha mhijiex is-soluzzjoni perfetta, din toffri prospetti aqwa għal ftehim internazzjonali sodisfaċenti din is-sena pjutost milli tinżamm il-leġiżlazzjoni attwali. Il-Parlament għahekk għandu jaħdem favur l-adozzjoni rapida ta' din il-proposta ħalli titneħħa l-inċertezza legali dwar l-obbligu tat-trasportaturi tal-ajru u ħalli jagħti sinjal ċar lis-sħab internazzjonali ta' negozjar tagħna. Huma għandhom jifhmu li l-Ewropa trid ftehim internazzjonali, li hija lesta li tinnegozja l-aħjar forom ta' miżuri bbażati fuq is-suq iżda li mhijiex lesta li tistenna b'mod indefinit qabel ma jiġu indirizzati l-emissjonijiet li ġejjin mill-avjazzjoni b'mod simili għal dawk ta' setturi oħra.

EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni Premessa -1 (għdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Is-settur tal-avjazzjoni għandu natura internazzjonali qawwija. Problemi dinjin tat-tip ikkważati mill-emissjonijiet li ġejjin mill-avjazzjoni jistgħu jiġu indirizzati b'mod effikaċi permezz ta' approċċ li jinkludi obbligu dinji li jiġu rispettati l-istess miżuri jew l-istess obbligi b'miżuri differenti. L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) għandha rwol ewlieni f'dan il-proċess permezz tad-definizzjoni ta' objettivi komuni fil-qafas ta' ftehim internazzjonali.

Ġustifikazzjoni

Problemi internazzjonali bħall-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra kkawżati mis-settur tal-avjazzjoni jeħtieġu soluzzjonijiet dinjin, u għalhekk l-approċċ internazzjonali jista' jkun effikaċi.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Sar progress sinifikanti fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali lejn l-adozzjoni, waqt l-Assemblea tal-ICAO li se ssir fl-2013, ta' qafas li jiffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri bbażati fuq is-suq għall-emissjonijiet mis-settur tal-avjazzjoni internazzjonali min-naħa tal-Istati u lejn l-iżvilupp ta' miżura

(1) F'Novembru 2012, l-ICAO, wara li bdiet tiddiskuti l-limitazzjoni tal-emissjonijiet li ġejjin mill-avjazzjoni mill-1998, għamlet progress sinifikanti lejn l-adozzjoni, waqt l-Assemblea tal-ICAO fl-2013, ta' qafas li jiffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri bbażati fuq is-suq għall-emissjonijiet mis-settur tal-avjazzjoni internazzjonali min-naħa tal-Istati u lejn l-

globali bbażata fuq is-suq.

iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq.

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ċar li d-diskussjonijiet dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet fuq il-livell tal-ICAO kienu bdew aktar għaxar snin ilu u li sar ftit progress sal-mument li fih kien se jiskadi t-terminu għall-applikazzjoni tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Recital 2 – footnote 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Inklużi l-Istati *tal-EFTA*, il-pajjiżi li ffirmaw Trattat ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea u d-dipendenzi u t-territorji tal-Istati Membri taż-*ŻEE*.

Emenda

1. Inklużi l-Istati **taż-*ŻEE***, il-pajjiżi li ffirmaw Trattat ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea u d-dipendenzi u t-territorji tal-Istati Membri taż-*ŻEE*

Ġustifikazzjoni

*Mhux l-Istati kollha tal-EFTA qablu li jinkludu d-Direttiva 2003/87/KE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. L-Istati tal-EFTA li huma wkoll membri taż-*ŻEE* biss għamlu dan (jiġifieri l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, iżda mhux l-Isvizzera). B'hekk it-test għandu jirreferi għall-Istati taż-*ŻEE*, mhux għall-Istati tal-EFTA.*

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Sabiex jiġi evitat it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni, din id-deroga għandha tapplika biss għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jew ma jkunux irċevew allokkazzjonijiet b'xejn fl-2012 għat-tali attivitajiet, jew li jkunu tawhom kollha lura. Għall-istess raġuni, dawn il-kwoti m'għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tad-drittijiet għall-użu tal-krediti internazzjonali fi ħdan il-qafas tad-Direttiva 2003/87/KE.

Emenda

(3) Sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni, din id-deroga għandha tapplika biss għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jew ma jkunux irċevew allokkazzjonijiet b'xejn fl-2012 għat-tali attivitajiet, jew li jkunu tawhom kollha lura. Għall-istess raġuni, dawn il-kwoti m'għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tad-drittijiet għall-użu tal-krediti internazzjonali fi ħdan il-qafas tad-Direttiva 2003/87/KE, **bl-eċċezzjoni ta' krediti internazzjonali miksuba qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.**

Ġustifikazzjoni

Jidher importanti li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u li ma jiġux penalizzati l-imprezi responsabbli kienu qed jippreparaw għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Avjazzjoni matul is-sena 2012. Din id-dispożizzjoni tiżgura wkoll trattament ugwali bejn l-operaturi, kemm jekk dawn jibbenefikaw jew le minn din id-deroga.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) L-ICAO u l-Unjoni għandhom iżidu b'mod konsiderevoli l-isforz tagħhom sabiex jtnaqqsu l-emissjonijiet tal-GHG tal-avjazzjoni b'mod konformi mal-miri 2020 u 2050 tal-Unjoni. Id-deroga prevista minn din id-Deċiżjoni ma għandhiex għalhekk tqiegħed inkwistjoni l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-Iskema Ewropea għan-Negożjar tal-Emissjonijiet tal-UE, u l-għan ġenerali li tiġi promossa skema dinjija effikaċi ħalli jtrażżnu l-livelli dejjem aktar għoljin tal-emissjonijiet li ġejjin mill-avjazzjoni, u għandha tiddefinixxi b'mod ċar l-obbligi li għandhom jiġu rispettati mill-pajjiżi u t-trasportaturi tal-ajru kkonċernati matul il-perjodu ta' żmien kopert mid-deroga.

Ġustifikazzjoni

Is-settur tal-avjazzjoni bl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra li dejjem qed jiżdiedu għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis fl-emissjonijiet, bħall-mezzi ta' trasport l-oħra; barra minn hekk, setturi tal-industrija oħra diġà ilhom snin jipparteċipaw fl-ETS tal-UE; m'hemmx raġuni il-għala s-settur tal-avjazzjoni għandu jinżamm barra mill-ETS tal-UE.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Id-deroga temporanja ma tistax tapplika għal aktar minn sena. Jekk f'dak iż-żmien, fin-negożjati tal-ICAO, ma tiġi

miftiehma l-ebda sistema globali ta' miżuri bbażati fuq is-suq applikabbli għall-emissjonijiet li ġejjin mill-avjazzjoni, inkluża l-iskadenza fattibbli għall-implimentazzjoni, it-titjiriet kollha minn u lejn l-ajruporti barra mill-Unjoni għandhom jerġgħu jaqgħu taħt l-ETS Ewropea kif stabbilit fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 7

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 4c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4c) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta fid-dettall lill-Parlament Ewropew dwar il-progress li sar fir-rigward tal-Assemblea tal-ICAO f'Settembru tal-2013 u tippromponi b'mod rapidu miżuri li jikkorrispondu għar-riżultati.

Emenda 8

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 4d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4d) Jekk, wara l-iskadenza tad-deroga prevista minn din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra tiegħu azzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward, hija għandha tqis l-impatt possibbli fuq t-traffiku tal-ajru intraEwropew u għandha tiegħu azzjoni xierqa ħalli tevita kull distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Ġustifikazzjoni

Fil-perjodu li fih id-deroga tapplika għal titjiriet barra mill-Ewropa, titjiriet bejn ajruporti fl-Istati taż-ŻEE se jibqgħu suġġetti għad-Direttiva ETS tal-UE. Din is-sitwazzjoni tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru Ewropej li ġeneralment joperaw fl-Ewropa u għalhekk għandhom proporzjoni għoli tat-titjiriet tagħhom inklużi fl-

ETS tal-UE u trasportaturi tal-ajru ta' pajjiżi terzi li joperaw fil-biċċa l-kbira f'pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni għandha tanalizza u tiegħu azzjoni xierqa sabiex tiġi tevita din id-distorsjoni possibbli tal-kompetizzjoni qabel ma tipproponi miżuri ulterjuri.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4e) L-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-Iskema Ewropea għan-Negożjar tal-Emissjonijiet għandha titqies f'kull ftehim dwar l-avjazzjoni tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi.

Ġustifikazzjoni

Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda tinnegożja ftehim dwar l-avjazzjoni ma' numru ta' pajjiżi tal-viċinat u ma' sħab kummerċjali importanti. Huwa importanti li dawn il-ftehimiet iqisu l-firxa totali tal-miri tal-politika Ewropea. B'hekk il-Kummissjoni għandha timxi fuq l-eżempju tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Kanada u thegħgeġ il-pajjiżi terzi sabiex jadottaw miżuri li jnaqqsu l-impatt tal-avjazzjoni fuq it-tibdil fil-klima.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Premessa 4f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4f) Sabiex tinbena l-fiduċja fil-livell internazzjonali għall-iskema tal-UE, l-Istati Membri għandhom preferibbilment jużaw dħul iġġenerat mill-applikazzjoni tal-Iskema Ewropea għan-Negożjar tal-Emissjonijiet lis-settur tal-avjazzjoni għat-tnaqqis tal-impatt ta' tali emissjonijiet u lill-finanzjament internazzjonali tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, favur, inter alia, sforzi imwettqa mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex jillimitaw l-impatt tat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 3d, paragrafu 4 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi ffaċilitata MBM dwar l-avjazzjoni globali, l-UE għandha tinkoraġġixxi li kull dħul mis-settur tal-avjazzjoni jkun dirett lejn il-finanzjament internazzjonali tal-għieda kontra t-tibdil fil-klima skont il-ftehim tal-UNFCCC. L-ETS tal-UE għandha tkompli tkopri l-avjazzjoni sakemm tiġi implimentata sistema globali effettiva li trażżan b'mod sinifikanti l-impatt tas-settur fuq il-klima. B'hekk għandha tinżamm pressjoni sabiex jinkisbu dawn il-miri komuni.

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

B'deroga mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri m'għandhom jieħdu l-ebda azzjoni kontra l-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti mogħtija fl-Artikolu 12(2a) u fl-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/87/KE li jibdedw japplikaw qabel l-1 ta' Jannar 2014 għal attivitajiet lejn jew minn ajrudromi f'pajjiżi li ma jiffurmawx parti mill-Unjoni Ewropea u li mhumiex membri *tal-EFTA*, li mhumiex dipendenzi u territorji tal-Istati Membri taż-ŻEE jew li mhumiex pajjiżi li ffirmaw Trattat ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, f'każ li t-tali operaturi tal-inġenji tal-ajru ma jkunu ngħataw l-ebda kwoti b'xejn għat-tali attivitajiet fl-2012 jew f'każ li t-tali operaturi, jekk ikunu ngħataw it-tali kwoti, ikunu taw lura lill-Istati Membri l-istess għadd ta' kwoti biex dawn jikkancellawhom.

Emenda

B'deroga mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri m'għandhom jieħdu l-ebda azzjoni kontra l-operaturi tal-inġenji tal-ajru f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti mogħtija fl-Artikolu 12(2a) u fl-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/87/KE li jibdedw japplikaw qabel l-1 ta' Jannar 2014 għal attivitajiet lejn jew minn ajrudromi f'pajjiżi li ma jiffurmawx parti mill-Unjoni Ewropea u li mhumiex membri *taż-ŻEE*, li mhumiex dipendenzi u territorji tal-Istati Membri taż-ŻEE jew li mhumiex pajjiżi li ffirmaw Trattat ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, f'każ li t-tali operaturi tal-inġenji tal-ajru ma jkunu ngħataw l-ebda kwoti b'xejn għat-tali attivitajiet fl-2012 jew f'każ li t-tali operaturi, jekk ikunu ngħataw it-tali kwoti, ikunu taw lura lill-Istati Membri l-istess għadd ta' kwoti biex dawn jikkancellawhom.

Ġustifikazzjoni

Mhux l-Istati kollha tal-EFTA qablu li jinkludu d-Direttiva 2003/87/KE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. L-Istati tal-EFTA li huma wkoll membri taż-ŻEE biss għamlu dan (jiġifieri l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, iżda mhux l-Isvizzera). B'hekk it-test għandu jirreferi għall-Istati taż-ŻEE, mhux għall-Istati tal-EFTA.

Emenda 12

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kwoti kkanċellati skont l-Artikolu 2 m'għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tad-drittijiet għall-użu tal-krediti internazzjonali fi ħdan il-qafas tad-Direttiva 2003/87/KE.

Emenda

Il-kwoti kkanċellati skont l-Artikolu 2 m'għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tad-drittijiet għall-użu tal-krediti internazzjonali fi ħdan il-qafas tad-Direttiva 2003/87/KE. ***Il-krediti internazzjonali akkwistati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mad-Direttiva 2008/101/KE jistgħu jintużaw fl-2013 fil-limitu ta' 15% tal-kwoti kkanċellati jew imrodha lura tagħhom.***

Ġustifikazzjoni

Jidher importanti li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u li ma jiġux penalizzati l-imprezi virtużi li ppreparaw għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-avjazzjoni matul is-sena 2012. Din id-dispożizzjoni tiżgura wkoll trattament ugwali bejn l-operaturi, kemm jekk dawn jibbenefikaw jew le minn din id-deroga.

Emenda 13

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari l-Parlament u l-Istati Membri rigward il-progress tan-negożjati tal-ICAO u tippreżenta rapport dwar ir-riżultati miksuba fl-Assemblea tal-ICAO. Jekk l-Assemblea tal-ICAO f'Settembru 2013 ma tiksibx progress sostanzjali fuq mekkaniżmu globali bbażat fuq is-suq, l-ETS Ewropea se terġa' tinkludi t-titjiriet internazzjonali kollha mill-Unjoni u lejn l-Unjoni mill-2013 'il quddiem. Jekk madankollu jirnexxielha twaqqaf qafas għal miżuri globali bbażati fuq is-suq, il-Kummissjoni,

tista' tippromponi iktar azzjonijiet.

Ġustifikazzjoni

Il-konsegwenzi tal-ksib ta' progress sostanzjali fi ħdan l-ICAO għandhom ikunu ċari ħafna. Il-Kummissjoni għandha tippromvdi l-Parlament Ewropew bl-informazzjoni kollha possibbli dwar in-negozjati tal-ICAO sabiex il-Parlament ikollu l-possibbiltà jevalwa dan qabel ma l-Kummissjoni Ewropea tkun tista' testendi d-deroga jew tiegħu kull azzjoni oħra.

PROCĊEDURA

Titolu	Deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità
Referenzi	COM(2012)0697 – C7-0385/2012 – 2012/0328(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 10.12.2012
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.12.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Mathieu Grosch 19.12.2012
Eżami fil-kumitat	22.1.2013
Data tal-adozzjoni	19.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 1 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Mike Nattrass, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Debora Serracchiani, Brian Simpson, Keith Taylor, Giommara Uggias, Patricia van der Kammen, Artur Zasada, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Spyros Danellis, Michel Dantin, Michael Gahler, Eider Gardiazábal Rubial, Zita Gurmai, Alfreds Rubiks, Oldřich Vlasák, Janusz Władysław Zemke

PROĊEDURA

Titolu	Temporary derogation from Directive 2003/87/EC of the European Parliament and of the Council establishing a scheme for greenhouse gas emission allowance trading within the Community			
Referenzi	COM(2012)0697 – C7-0385/2012 – 2012/0328(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	20.11.2012			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 10.12.2012			
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 10.12.2012	ECON 10.12.2012	ITRE 10.12.2012	IMCO 10.12.2012
	TRAN 10.12.2012			
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	INTA 18.12.2012	ECON 14.1.2013	ITRE 17.12.2012	IMCO 18.12.2012
Rapporteur Data tal-ħatra	Peter Liese 3.12.2012			
Eżami fil-kumitat	17.12.2012	24.1.2013	18.2.2013	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	51 0 8		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Martin Callanan, Tadeusz Cymański, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Klauß, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Andrés Perelló Rodríguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt,			

	Richard Seeber, Boguslaw Sonik, Thomas Ulmer, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jacqueline Foster, Julie Girling, Filip Kaczmarek, Miroslav Mikolášik, James Nicholson, Britta Reimers, Birgit Schnieber-Jastram, Renate Sommer, Bart Staes, Andrea Zanoni
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Phil Prendergast